MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru 868/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**MARIA ASSUNTA VELLA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Assunta Vella ta’ 54 sena mart Joseph Saliba, bint Anthony Vella u Eucartica nee’ Teuma mwielda Balzan fl-01.01.1951 u toqghod Arthur Flats, Flat 1, St. Albert Street, Gzira u li ghandha karta ta’ l-identita numru 089051(M) giet akkuzata:

Talli fl-26 ta’ Awwissu 2005 u matul ix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fiz-zminijiet differenti li jiksru l-istes dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizuluzzjoni wahda u cioe’;

Talli fl-imsemmi zmien, lok, hin u cirkostanzi uzat xi sistema jew apparat ta’ telekommunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamlet uzu minnu mhux sew;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi heddet bi kliem lil Dr Martin Slivka M.D.;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qalet kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f’dagha;

U aktar talli fis-27 ta’ Ottubru, 2004 ghall-habta tal-11.00 p.m. gewwa tal-Pieta’ volontarjament hassret jew ghamlet hsara fil-vettura tal-imsemmi Dr M. Slivka M.D. liema hsara ma tiskorriex il-hames mitt Lira Maltin izda hija aktar minn hamsin Lira Maltin;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ zewg mirja tal-vettura tal-imsemmi Dr M. Slivka M.D. li il-valur taghhom huwa ta’ anqas minn mitt Lira Maltin;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kisret il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, qalet kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti gie mitluba meta jidrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta l-imsemmi Dr M. Slivka M.D.  jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Maria Assunta Vella b’obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MB3 u nnutat li l-imputata Maria Assunta Vella m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007 l-Ufficjal Prosekutur u Dr Daniela Mangion ghall-imputata, b'referenza ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata, iddikjaraw li fid-dawl ta' Sentenza "Il-Pulizija vs Etienne Calleja" moghtija per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, tali akkuza ma tirrizultax.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghas-segwenti bran mis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D. fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur K. Farrugia) vs Dr. Etienne Calleja" Appell Nru. 102/07 u deciza fit-22 ta' Awissu, 2007:
"Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-akkuza kif impostata (Sic!) ma tinkwadrax ruha fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399. Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339(e) tal-Kap. 9, imma akkuza li tidher, kemm mid-dicitura taghha kif ukoll mill-artikolu citat mill-Ewwel Qorti, bazata fuq l-art. 35(1)(d) tal-Kap. 399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002; IX tal-2003 u VII tal-2004).

Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b’mod mhux kif imiss, tkun hatja ta’ reat taht dak l-Att u tista’, meta tinstab hatja, tehel multa ta’ mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta’ reat permanenti ghal multa ta’ mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Illi ghalkemm l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant tkompli zzid tghid: **“billi hedded lil Marie Luigia Coleiro permezz ta’ telefonata”** , dan il-fatt b’ebda mod ma hu inkorporat fis-sub sub-inciz in kwistjoni. L-appellant qed jargumenta ghalhekk li hu qed jigi akkuzat b’reat li ma jezistix.

Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta ohra (a) (b) u (c) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34(1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35(1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reat segwenti:-

(a) ta’ min jibni, isewwi izomm f’kondizzjoni tajba, jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop
(b) ta’ min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f’dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, istallati jew uzati, u
(c) ta’ min jipprovdi xi servizz ta’ komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta’ xi disposizzjoni ta’ dak l-Att jew bi ksur ta’ xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b’dak l-Att jew tahtu.

Ikkonsidrat;

Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u (4) huma deskritti fin-nota marginali bhala “Reati ta’ xorta kriminali **specifici** ghall-komunikazzjonijiet elettronici” (emfasi ta’ din il-Qorti)

Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta’ network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetra. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f’’dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b’mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f’ ligijiet ohra li jsiru b’ mezzi ta’ telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal- artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta’ natura teknika minn sistemi ta’ komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal **eiusdem generis**, jidher car li is-sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta’ natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta’ sistemi ta’ komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta’ reat iehor kontemplat f’ xi ligi ohra.

U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b’ ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000).

Hu car ghalhek li l-kliem “ **ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih”** u **“jew tuzah b’ mod mhux kif imiss”** f’ dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta’ xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoniijiet

elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetra, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messag li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).

Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap. 399.

Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah *"legal certainty."* Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub sub-inciz jkunu jistghu jigu *"attached"* xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkunu jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: *"ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"* u/jew *"b' mod mhux kif imiss"* adoperat fl-art. 35(1) (d).

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-kliem inkriminat kellu jitqies bhala kliem ta' theddid, il-prosekuzzjoni kien imissha pprocediet skond l-artikolu 339 (e) fuq imsemmi u mhux taht l-art. 35 tal-Kap. 399.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tirritjeni li l-agir tal-appellant ma kienx jikkostitwixxi reat taht l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu."

Tirrileva li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata Maria Assunta Vella tinkwadra ruha fis-sub-artikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399. U li minn ezami tal-provi prodotti u fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti Tal-Appell Kriminali fis-Sentenza hawn fuq riferita hi tal-fehma li l-agir tal-imsemmija imputata ma kienx jikkostitwixxi ir-reat taht l-ewwel akkuza kif dedotta kontra taghha.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta sufficjentament ippruvata.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-Kontro-Ezami tal-imputata li sar fis-Seduta tat-3 ta' Dicembru 2007: "Jiena nichad kategorikament li jiena kont heddidtu. Nghid jiena ghadni kif gejt murija d-dokument dok MS3 li jinsab a folio 21 tal-process u jiena nikkonferma illi dak li hemm indikat huma kliem li jiena kont ghidt lil Dr. Silvka fid-dati u l-hinijiet indikati." (Sottolinjar tal-Qorti)

Minn ezami tal-kontenut ta' Doc MS3 li jinsab a fol. 21 tal-Process jemergi diskors li certament hu wiehed ta' theddid. Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani minn dan l-imsemmi dokument.

"You two-timing bastard…………You are going to regret it, because I am going to make your life miserable.
And the worst is to yet to come, believe me the worst is yet to come You fucking shithouse"

"………………………………"

"You made my life miserable and I am going to make sure yours is miserable until you pack up your things and go, and I mean it."

Ghaldaqstant fid-dawl ta' tali brani hawn fuq citati mid-Doc MS3 u ta' dak li xehdet l-imputata in kontro-ezami kif riportat u sottolinjat, il-Prosekuzzjoni rnexxielha b' mod sodisfacenti tipprova it-tieni akkuza.

Rigward it-tielet akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti tali akkuza ma tirrizultax sodisfacentament ippruvata ghax ma jiruzultax b'mod sodisfacenti li l-imputata qalet kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f' daghha.

Rigward ir-raba' akkuza li tirrigwarda hsara volontarja u l-hames akkuza li tirrigwarda serq il-Qorti sejra taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Dr. Martin Slivka li fis-Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005, fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Then accused approached my car first from the left hand side and she hit my side mirror. The side mirror broke and fell onto the street. Then accused went on the other side of the car and she repeated the same thing with the other side mirror. Then she picked up the broken side mirrors and having picked them up she went to her car with the side mirrors and drove off. I spent sixty one pounds and thirty cents (Lm61.30) in the sense of buying two side mirrors and put these back to the place of my car. Adding to this amount I also paid ten pounds (Lm10) to the mechanic to fix these side mirrors so in total I paid seventy one pounds and thirty cents (Lm71.30)."

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tal-imputata Maria Assunta Vella li fis-Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007, inter alia, qalet:
"Jiena nichad illi jiena ghamilt xi hsara fuq il-vettura ta' Dr Slivka u nichad ukoll li jiena sraqtlu l-mirja."

Fid-dawl tal-versjonijiet konfliggenti bejn dak li qal Dr Martin Slivka u dak li qalet l-imputata kif hawn fuq riportati temergi il-kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputata (Dok MB5):
"M. Nghid sew li inti gieli cempiltlu u kellimtu hazin u ghedidtu?
T. Ma niftakarx li ghamilt hekk izda kont ghamilt sitt snin mieghu u meta telaqni sirt naf kemm kien ilu jigdibli.
M. Inti gieli hedidtu lilu?

T. Le."

Issa il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-kontro-ezami tal-imputata li sar fis-Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007:
"Jien nichad kategorikament li jiena kont heddidtu. Nghid jiena ghadni kif gejt murija d-dokument Dok MS3 li jinsab a folio 21 tal-Process u jiena nikkonferma illi dak li hemm indikat huma kliem li jiena kont ghidt lil Dr Slivka fid-dati u l-hinijiet indikati."

Mis-suespost jemergi b'mod car li l-imputata mhix kredibbli u li l-versjoni li taha ix-xhud Martin Slivka hi l-versjoni kredibbli. Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li ir-raba' akkuza u l-hames akkuza jirrizultaw ippruvati b'mod sodisfacenti.

Rigward is-sitt akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Dr Martin Slivka MD moghtija fis-Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005:
"With regards the incident which occurred on the 27 th October, 2004 this incident started at eight o'clock in the evening (8 pm) in my flat. G'Mangia Hill the flat named Sheldon" "……………………"
"Then around eleven in the evening (11 pm) on the same day accused came back, she started banging on the door, shouting."

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata.

Rigward is-seba akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikoli 338(bb) u 342, il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 339(1)(e), 325(1)(b), 261(g), 271(g), 338(dd) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Maria Assunta Vella hatja tat-tieni akkuza, tar-raba' akkuza, tal-hames

akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputata tillibera lill-imputata Maria Assunta Vella taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata fid-dawl ta' dak dikjarat qabel f'din is-Sentenza rigward din l-akkuza tillibera lill-istess imputat Maria Assunta Vella minn din l-akkuza stante li l-agir tal-imsemmija imputata ma kienx jikkostitwixxi reat taht l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha.

Rigward it-tielet  u is-seba' akkuza migjuba kontra l-imputata fid-dawl ta' dak dikjarat qabel f'din is-Sentenza rigward dawn iz-zewg akkuzi tillibera lill-imsemmija imputata Maria Assunta Vella minn dawn iz-zewg akkuzi stante li dawn l-akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata Maria Assunta Vella sabiex fi zmien xahar millum thallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' mitejn u hdax il-Euro u sittax il-centezmu (Eur. 211.16) ekwivalenti ghal disghin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm90.65) rappresentanti l-ispejjez inkorsi rigward in-nomina tal-esperti f'din il-kawza.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Maria Assunta Vella b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (Eur. 232.94) ekwivalenti ghal mitt Liri Maltin (Lm100) li zzomm il-kwiet ma' Dr Martin Slivka M.D. u li zzomm il-bonordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Assunta Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------